2023/2604

17.11.2023

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2604

tal-15 ta' Novembru 2023

li jistabbilixxi l-għeluq tas-sajd għall-bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ li jtajru l-bandiera tal-Italja u li jistadu għall-merluzz fil-Fliegu ta' Sqallija (is-subżoni ġeografiċi 12–13–14–15–16 tal-GFCM)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/195 [2] jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2023.

(2) Skont l-informazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni, l-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ li jtajru l-bandiera tal-Italja jew li huma rreġistrati fiha u li jistadu għall-merluzz fil-Fliegu ta' Sqallija (il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għas-subżoni ġeografiċi 12, 13, 14, 15 u 16), huwa meqjus li ntlaħaq għall-2023.

(3) Għalhekk jeħtieġ li jiġu pprojbiti ċerti attivitajiet tas-sajd għal dak il-grupp ta' stokkijiet.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Eżawriment tal-isforz

L-isforz tas-sajd massimu permissibbli allokat lill-Italja għall-bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ li jistadu għall-merluzz fil-Fliegu ta' Sqallija (il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għas-subżoni ġeografiċi 12, 13, 14, 15 u 16) għall-2023 imsemmi fl-Anness għandu jitqies li ntlaħaq mid-data stipulata f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Projbizzjonijiet

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Artikolu 1 minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Italja jew li huma rreġistrati fiha għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata fl-Anness. B'mod partikolari għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord u jsiru rilokazzjoni, trażbord jew ħatt l-art tal-ħut minn dak l-istokk maqbud minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/195 tat-30 ta' Jannar 2023 dwar l-iffissar għall-2023 tal-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/110 fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2022 applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed (ĠU L 28, 31.1.2023, p. 220).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Novembru 2023.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President
Virginijus SINKEVIČIUS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Nru	14/TQ195
Stat Membru	L-Italja
Kodiċi tal-grupp tal-isforz tas-sajd	EFF4/MED4_OTB2
Grupp ta' stokkijiet	Il-merluzz (*Merluccius merluccius*) fil-Fliegu ta' Sqallija (GSAs 12–13–14–15–16)
Bastimenti konċernati	Bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ T-10
Data tal-għeluq	l-10 ta' Ottubru 2023